

31991D0051

L 29/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.2.1991

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-18 ta' Diċembru 1990****dwar l-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Juta u l-Prodotti magħmula mill-Juta, 1989**

(91/51/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Juta u l-Prodotti magħmula mill-Juta, 1989, hu miftuħ għall-iffirmar mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1990;

Billi l-Istati Membri kollha urew l-intenzjoni tagħhom li jiffirmaw il-Ftehim;

Billi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jimxu 'l quddiem flimkien biex jiffirmaw il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1990 il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom, jaħdmu flimkien, jiffirmaw il-Ftehim

Internazzjonali dwar il-Juta u l-Prodotti magħmula mill-Juta, 1989, bi qbil ma' l-Artikolu 37(1) tiegħu.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna bil-poter li jiffirma l-Ftehim f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1990.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

G. DE MICHELIS